**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru, 2001

**Numru 9**

**Avviz. numru 218/01JR**

**Anthony Bonnici**

**vs**

**Joseph Chetcuti fil-kummerc bhala Hobby Market, u b'degriet tat-12 ta' Lulju, 2001, gie kjamat in kawza "Hobby Market Limited", u b'degriet tat-18 ta' Ottubru, 2001, it-Tribunal irrevoka d-degriet tat-12 ta' Lulju, 2001.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135.00), u fejn intqal:**

**Illi fit-30 ta' Mejju, 2000, l-attur xtara "cordless phone" tad-ditta Nokia ghall-ammont ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135.00) minghand**

il-konvenut.

Il-prezz thallas kollu kemm hu dak in-nhar, kif jirrizulta mir-ricevuta Numru 000516, immarkata u annessa Dok.A;

Illi l-attur ha l-"cordless phone" id-dar, ippruvah, izda ma hadimx. Il-konvenut biddillu s-sett, izda anki t-tieni sett ma hadimx;

Illi l-attur qed jilmenta wkoll illi l-"cordless phone" huwa illegali peress illi ghandu "range" mhux konformi mal-Ligi;

Minkejja li gie nterpellat biex jirrifondi, l-konvenut baqa' nadempjenti;

Ghalhekk qed issir din il-kawza.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-24 ta' April, 2001, fejn gie eccepit:

i. preliminarjament in-nullita` ta' l-azzjoni "de quo" stante li azzjoni simili trid tigi intavolata fi zmien sitt xhur minn meta jigi skopert xi difett fl-oggett;

ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ircevuta li giet annessa ma tindikax bl-ebda mod li l-attur fil-fatt xtara l-oggett "de quo" u li rcieva din ir-ricevuta ghall-istess bejgh u ghalhekk setghet facilment kienet ta' xi bejgh iehor;

iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-data tal-bejgh tat-talba ma taqbilx mad-data ta' l-ircevuta annessa u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt, fid-dritt u fil-mertu;

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Illi fl-14 ta' Gunju, 2001, il-konvenut eccepixxa ulterjorment illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza stante illi l-entita` ma tezistix izda tezisti l-kumpanija "Hobby Market Ltd."**

**Illi b'degriet tat-12 ta' Lulju, 2001, it-Tribunal ordna il-kjamata in kawza ta' Hobby Market Ltd.. Illi fit-18 ta' Ottubru, 2001, fuq talba ta' l-attur gie revokat l-imsemmi degriet tat-12 ta' Lulju, 2001.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Bonnici. Il-konvenut naqas milli jtella' provi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi mix-xhieda ta' l-attur Anthony Bonnici u mir-ricevuta esebita Dok.A, jirrizulta li n-negozju sar mal-konvenut, u minn imkien ma jirrizulta li kien hemm kumpanija involuta.**

2. **L-ewwel eccezzjoni sollevata, ossija li l-azzjoni ma gietx intavolata fi zmien sitt xhur minn meta gie skopert xi difett fl-oggett, jigi rilevat li bhala fatti jirrizulta li l-attur kien xtara l-"cordless phone" tal-marka Nokia fit-30 ta' Mejju, 2000, u nstallah ghall-bidu ta' Novembru ta' l-istess sena. Dana mal-ewwel ma hadimx. Ghalhekk wara l-Milied tas-sena 2000, il-konvenut bidillu s-sett, li wkoll ma hadimx. Fis-16 ta' Frar, 2001, inkitbet in-nota esebita Dok.B fejn jinghad li l-konvenut kellu "Nokia" ghat-tiswija. Wara gie infurmat li dan ma jirrangax ruhu. Il-kawza odjerna giet prezentata fit-2 ta' April, 2001, cioe` sew qabel is-sitt xhur previsti.**

**3. Il-konvenut da parti tieghu baqa' ma gabx provi, u ghalhekk tenut kont ta' dak li xehed l-attur, it-Tribunal hu soddisfatt li l-attur huwa gustifikat li jitlob li jigi rifuz lilu l-ammont tal-"cordless phone" li ma hadimx.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**